**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**-vs-**

**Maria Pawla Grixti detentrici tal-karta' tal-identita' bin-numru 139492M**

Kumpilazzjoni Nru. 286/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputata Maria Pawla Grixti talli: -

1. F' Lulju, 2013, ġewwa dawn il-gżejjer, użat *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew użat, ikkopjat jew immodifikat kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u dan ai termini tal-artiklu 337C (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. F' Lulju, 2013, ġewwa dawn il-gżejjer, ittantat tistalla, tnehhi, tbiddel, taghmel ħsara, thassar, tiddeterjora, trazzan, teqred, tvarja jew iżżid ma' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ liema reat ma seħħx minħabba ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħha u dan ai termini tal-artiklu 337C (1) (g) u l-artiklu 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. F' Lulju, 2013, ġewwa dawn il-gżejjer, użat il-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer u dan ai termini tal-artiklu 337C (1) (i) u artiklu 337F (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Il-Qorti intalbet sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan kien kaz ta' bdil ta' passwords ta' *Hotmail account* u *Facebook account*. Il-parte leza, Nathaniel Caruana, kien mar jaghmel rapport mal-Pulizija li ma baqax ikollu access ghall-accounts tieghu. Il-Pulizija immmedjatament bdiet l-investigazzjonijiet taghha fejn irrizulta li l-computer li permezz tieghu l-accounts kienu gew accessati kien intuza mil-imputata.

L-Ispettur Said Sarreo ha stqarrija tal-imputata fejn hi spjegat li kienet hassret ir-relazzjoni li kellha ma Nathaniel Caruana u li fl-24 ta' Lulju, 2013, kienet uzat il-computer taghha fejn sabet li kien ghad hemm il-*password* ta' Daniel ghada *saved* fuq l-account tal-Facebook tieghu. Ghalhekk dahhlet fl-account tieghu u meta rat xi messaggi li kien qed jibghat inkluz kliem dispreggattiv fil-konfront taghha, irrabjat u bdiet thassar xi ritratti li kellhom flimkien. Innegat li qatt biddlet xi passwords tieghu. WPC293 Michelle Camilleri tixhed kif l-investigazzjonijiet mis-Cyber Crime Unit ikkonducew lill-investigaturi ghall-imputata.

Fl-istqarrija taghha, li ghazlet li ma tiffirmax, l-imputata tammetti li hekk kif accessat il-computer taghha kienet ghafset l-ittri "d" u mil-ewwel tela' l-login ta' Nathaniel Caruana. Fil-fatt mil-PIRS II jirrizulta li l-*Login Name* ta' Caruana kien *dj-hanicarr@hotmail.com.*[1] Tghid li ghelbitha l-kurzita` u riedet tara jekk Nathaniel

[1] Fol.18

Caruana biddilx il-password tal-account tieghu. Dan setghet taghmlu peress li l-password kien saved fuq il-laptop taghha. Urtat ruhha hafna meta rat messaggi bi kliem dispreggjattiv u oxxenn fil-konfront taghha, tant li tammetti li hassret ritratti li taghhom minn fuq Facebook. Izzid li hekk kif ippruvat tisscrolja (tnizzel il-pagna l-isfel) telghet field biex terga' tiddahhal il-password u meta ppruvat din id-darba giet prekluza milli taghmel dan.[2]

Nathaniel Caruan jirrizulta kien accessa l-account tieghu l-ahhar darba fis-7am tal-24 ta' Lulju, 2013, izda induna b'dak li kien gara meta rritorna mix-xoghol ghall-habta tal-17:00hrs. Ma rnexxilux jaghmel dan ghaliex l-account deher li kienet inbiddlet il-password tieghu.[3] Fix-xhieda tieghu jghid li kien jaccessa l-account tieghu minn fuq il-laptop tal-imputata izda li kien jaghmel *log off* ghar-ragunijiet ta' privatezza.[4]

Mill-atti processwali ghalhekk jirrizultaw ampjament l-imputazzjonijiet addebitati.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 17, 337C(1)(a)(g)(i) u 337F (1) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sena millum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[2] Fol.20-21
[3] Vide RSS1; Fol.17
[4] Fol.25